MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Numru. 455/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**JASON SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jason Spiteri 35 sena, bin Saviour u Rita nee’ Camilleri, mwieled 29 ta’ Frar 1976 Pieta’, residenti 58, West Street, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 187076M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fis- 27 ta’ Marzu 2011 gewwa San Giljan ghall- habta ta’ bejn is- 1.30am u l- 5.00am;

1) ikkommetta serq ta’ stereo tal- marka Mutant mudell no. MT1105USB u serial no. 060600528, minn vettura bin- numru tar- registrazzjoni BTS 001, ghad-dannu ta’ Christopher Paul Abela, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil- mezz u bix- xorti tal- haga misruqa;

2) akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Mag. Dr. A. Micallef Trigona LL.D fid- digriet tal- helsien mill- arrest;

3) akkuzat ukoll li hu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti ftit li xejn ghandha x'izzid jew x'tirrimarka. L-imputat ammetta li seraq stereo ta' karozza u li kiser il-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest moghtija lilu fi proceduri kriminali f'kawza ohra kontra tieghu. Fl-istqarrija kien ammetta wkoll li wettaq dan ir-reat. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 270, 271, 579, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------